MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-5 ta' April, 2013

Appell Civili Numru. 1729/2000/1

**Guido u Claudia mizzewgin Grima**

**v.**

**Pierre Buontempo, Ruben u Romina mizzewgin Buontempo,
u Centre Travel Co. Ltd.**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni li pprezentaw l-atturi fil-21 ta' Awwissu, 2000 u li taqra hekk:
"Premess illi l-attur, fix-xahar ta' Awwissu, 1998, fuq eghmil ta' qerq maghmul mill-konvenut Pierre Buontempo

personalment, kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ipprokura li l-Bank of Valletta p.l.c. johrog kif fil-fatt hareg seba' bank drafts pagabbli lil terzi ghad-debitu tal-kont tas-socjeta' Centre Travel Co. Ltd. kontra liema l-konvenut Pierre Buontempo hareg seba' cekkijiet, mill-liema tnejn gew onorati u hamsa fl-ammont komplessiv ta' sbatax-il elf mitejn u ghaxar liri Maltin u erba' centezmi (Lm17,223.04) ma gewx onorati;

"U peress illi minkejja illi l-attur kien qed jagixxi fuq ingann u qerq maghmula minn Pierre Buontempo u Ruben Buontempo u mahruga mis-socjeta' konvenuta, kontrollata eskluzivament minn Pierre Buontempo;

"U peress illi l-konvenuti meta ffirmaw dawn ic-cekkijiet kienu ben konsapevoli illi l-istess cekkijiet ma setghux jigu onorati, kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

"U peress illi l-attur bhala mpjegat tal-Bank of Valletta P.l.c. kien responsabbli ghall-hrug ta' dawk ic-cekkijiet u beda jitlob lill-konvenut Pierre Buontempo biex ihallas l-imsemmija somma;

"U peress illi wara li gara dan il-konvenut Pierre Buontempo, rega' (kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza) permezz ta' eghmil ta' qerq, b'ingann assikura lill-attur illi f'Ottubru, 1998 huwa kien sejjer jiehu finanzjament iehor minghand bank kummercjali iehor a bazi ta' garanzija fuq immobbli li kien sejjer jizviluppa (meta fil-fatt kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza dan il-finanzjament ma setax isehh u di fatti minn dan kollu ma sar xejn) u assigura lill-attur illi hu kien sejjer jithallas minn dan il-finanzjament, u a bazi ta' din l-assigurazzjoni u messa in xena, inganna lill-attur u wasslu jottjeni self minghand familjari ta' l-attur biex ghall-habta ta' l-14 ta' Settembru 1998 l-attur avvanza l-istess ammont lill-konvenuti biex ihallas 'l fuq imsemmija somma ta' Lm17,223.04 lill-Bank of Valletta p.l.c. kif fil-fatt gara;

"U peress illi l-konvenut Ruben Buontempo huwa mizzewweg lil Romina Buontempo;

“U peress illi Guido Grima huwa mizzewweg lill-attrici Claudia Grima;

“U peress illi l-konvenuti ghadhom sal-lum ma hallsu xejn mill-imsemmija somma;

“Jghidu ghaliex dina l-Qorti m’ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

“1. Tiddikjara illi l-konvenuti, jew min minnhom, agixxew b’qerq u ngann ghad-danni ta’ l-atturi sabiex l-attur Guido Grima johrog kemm ic-cekkijiet pagabbli lil terzi kif fuq premess kif ukoll sabiex javvanza s-somma ta’ Lm17,223.04 lill-konvenuti u jhallas l-istess somma lil Bank of Valletta p.l.c.;

“2. Tiddikjara, jekk hemm bzonn, illi l-konvenuti flimkien u in solidum bejniethom, jew min minnhom, huma responsabbli ghal hlas lill-atturi tas-somma ta’ Lm17,223.04;

“3. Tikkundanna lill-konvenuti flimkien u in solidum bejniethom jew min minnhom kif tiddeciedi dina l-Qorti ihallsu lill-atturi s-somma hekk likwidata.

“Bl-imghax dekorribbli mill-14 ta’ Settembru, 1998, u bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Pierre Buontempo u Centre Travel Co. Ltd. li in forza taghha eccepew:

“1. Illi huma ma ghandhom jaghtu xejn lill-atturi u kienu anzi huma li sofrew danni kagun tal-agir negligenti u doluz ta’ l-attur Guido Grima u dwar dan il-kaz il-konvenuti jirriservaw li jagixxu fi zmien opportun;

“2. Illi l-konvenuti ma adoperaw l-ebda qerq fil-konfront ta’ l-atturi jew ta’ terzi; illi l-attur Guido Grima, li kien joffri s-servizzi tieghu lill-konvenuti, kien dejjem infurmat bl-affarijiet kollha tal-kumpanija Centre Travel Company Limited u kien jiehu hsieb il-kontijiet bankarji ta’ l-istess;

drabi ohra l-attur kien jaghmilha ta' konsulent u kagun ta' l-agir negligenti u sahansitra doluz ta' l-attur Guido Grima waqt li kien imexxi dawn l-affarijiet il-konvenuti qed jigu rinfaccati minn terzi ghall-ammonti mitluba f'din il-kawza u hemm fil-fatt kawzi ohra pendenti quddiem din il-Qorti;

“3. Illi l-konvenut Pierre William Buontempo ma nganna bl-ebda mod lill-attur;

“4. Illi l-attur ma avvanza l-ebda flejjes lill-konvenuti kif jinghad fic-citazzjoni;

“5. Illi stante li l-konvenuti huma rinfaccati minn kawzi promossi minn terzi fuq l-istess affarijiet imsemmija f'din ic-citazzjoni l-esponenti jirrilevaw li din il-kawza ghandha timxi kontestwalment mal-kawzi l-ohra;

“6. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi;

“7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Ruben u Romina mizzewgin Buontempo li in forza taghha eccepew:

“1. Illi huma ma ghandhom x'jaqsmu xejn ma' l-atturi u ma humiex il-legittimi kontraditturi tat-talbiet attrici anke kif jirrizulta bic-car mill-premessi attrici, partikolarment fit-tieni paragrafu tac-citazzjoni;

“2. Illi certament li l-ebda wiehed jew wahda mill-eccipjenti ma adopera xi forma ta' qerq fil-konfront ta' l-atturi u ma ghamlu l-ebda gwadann kif imsemmi fic-citazzjoni u ghalhekk ukoll it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra taghhom;

“3. Illi bejn l-eccipjenti Ruben u Romina Buontempo tezisti d-divizjoni tal-beni u certament li fi kwalunkwe kaz Romina Buontempo ma ghandha x'taqsam xejn mat-talbiet attrici u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

“4. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi;

“5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat li din il-kawza instemghet kontestwalment mal-kawza fl-ismijiet **Joseph Grima et v. Pierre Buontempo et** (citazzjoni numru 1843/99), bil-provi, dokumenti u xhieda prodotti fiz-zewg kawzi japplikaw ghal xulxin;

Rat li z-zewg kawzi gew decizi fl-istess jum;

Rat is-sentenza li nghatat mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili f’din il-kawza fis-7 ta’ Lulju, 2009, li in forza taghha l-kawza giet deciza billi:
“Filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames eccezzjoni ta’ Pierre Buontempo u Centre Travel Co. Ltd., tichad il-kumplament ta’ l-eccezzjonijiet;

“Tichad l-eccezzjonijiet ta’ Ruben u Romina mizzewga Buontempo;

“Tichad l-ewwel talba attrici, u tilqa’ t-tieni u t-tielet talba fis-sens biss li se jinghad hawn taht u cioe:-

“1. Tiddikjara illi l-konvenuti Pierre Buontempo, Ruben u Romina Buontempo u Centre Travel Company Limited responsabbli ghall-hlas lill-atturi is-somma ta’ €30,089.17.[1]

“2. Tikkundanna lill-istess konvenuti flimkien u in solidum ihallsu lill-atturi is-somma hekk likwidata.

“Bl-imghax dekorribbli mill-14 ta’ Settembru 1998.

“L-ispejjez ta’ l-istanti ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal tlett kwarti mill-konvenuti Pierre Buontempo, Ruben u Romina Buontempo u Centre Travel Company Limited in solidum bejniethom u in kwantu kwart mill-atturi.”

---

[1] Lm17,223.04 ekwivalenti ghal €40,118.89 li minnhom tlett kwarti u cioe €30,089.17 ghandhom jithallsu mill-konvenuti.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"**Fatti**

"Illi l-atturi qed jitolbu li l-konvenuti jithallsu lura is-somma ta' Lm17,223.04, liema somma l-attur Guido Grima avvanzalhom bhala facilita` bankarja konsistenti *f'bank drafts* favur kredituri ta' l-istess konvenuti, liema somom sussegwentement l-attur hallas personalment lill-Bank of Valletta plc a beneficcju ta' l-istess konvenuti.

"**Konsiderazzjonijiet**

"Illi jirrizulta mix-xhieda ta' l-attur illi fiz-zmien in kwistjoni huwa kien impjegat bhala *supervisor* fuq *advances* mal-Bank of Valletta plc fil-*branch* tal-Preluna Towers, Sliema. Fl-istess zmien kien ghamel ukoll xi xhur jahdem bhala *book keeper* mas-socjeta` konvenuta Centre Travel Co. Ltd.

"Jirrizulta wkoll illi l-attur kien jiehu hsieb johrog il-*bank drafts* li kien ikun hemm bzonn favur kredituri tal-kumpanija konvenuta. Gara illi wara li l-attur kien iffirma numru minn dawn il-*bank drafts*, il-konvenut Pierre Buontempo kien tah xi cekkijiet biex jaghmlu tajjeb ghall-istess li pero' rrizulta illi hamsa minnhom ma kinux gew onorati mentri d-*drafts* kollha gew imsarrfin. Illi meta l-*Managers* tal-Bank indunaw b'dan talbu spjegazzjoni minghand l-attur. Meta l-attur ikkomunika ma' Pierre Buontempo dan minn naha tieghu qallu li kien se jissettilja din il-pendenza stante li kien qieghed jinnegozja xi artijiet. Madankollu l-attur baqa' taht pressjoni mill-Bank, bl-impjieg tieghu mhedded, u ghaldaqstant kellu jissellef is-somma ta' Lm17,000 minghand Wilfred Buttigieg, li kien jigi r-ragel ta' ohtu, sabiex l-istess Bank ma jibqghax jaghmillu pressjoni. Fil-fatt l-istess Wilfred Buttigieg hareg cekk favur l-attur u dan iddepozita s-somma ta' Lm17,223.04 sabiex ikun sodisfatt il-Bank.[2] Wara li ghadda xi zmien l-imsemmi Wilfred Buttigieg ried flusu

[2] Dok. GG3 a fol. 209.

lura u ghalhekk l-attur issellef is-somma ta' Lm17,000 mill-istess Bank biex ikun jista' jissodisfa l-kreditu ta' Buttigieg.[3] Illi rrizulta wkoll illi mis-Lm17,000 li l-attur kien issellef minghand Wilfred Buttigieg hu kien hallsu lura s-somma ta' Lm15,000, u Lm2,000 ohra kien tahom lil huh Joseph Grima sabiex tinbeda kawza kontra Pierre Buontempo.[4] Illi gie ammess ukoll mill-istess attur illi kieku hu ma kienx jahdem il-Bank dawn il-*bank drafts* in kwistjoni ma kinux johorgu stante li ma kienx hemm fondi bizzejjed biex ikopruhom.[5]

"Ix-xhud Wilfred Buttigieg stqarr illi hu ma kienx jaf originarjament l-iskop veru ghala l-attur kellu bzonn il-flus li talbu. Qal li l-attur kien qallu li kien qed jinnegozja bicca art ma' Pierre Buontempo u li kellu bzonn il-flus biex ihallas il-bolol u l-ispejjez tal-periti. Stqarr li sussegwentement sar jaf il-verita`.

"Illi l-konvenut Pierre Buontempo jghid li l-ewwel darba li sema` bl-isem ta' Wilfred Buttigieg kien dakinhar li baghtu ghalih il-Pulizija. Xehed ukoll illi hu qatt ma kien ta struzzjonijiet lill-attur sabiex jottjeni self minghand l-istess Buttigieg.

"Tikkunsidra

"Illi c-citazzjoni ta' l-attur hija msejsa fuq il-fatt li l-konvenuti jew min minnhom agixxew b'qerq u ingann fil-konfront tieghu sabiex johrog cekkijiet pagabbli lil terzi u kif ukoll sabiex javvanza s-somma ta' Lm17,223.04 lill-konvenuti u jhallas l-istess somma lill-Bank of Valletta plc.

"Illi jibda biex jinghad illi din mhix kawza normali fejn individwu safa' vittma ta' qerq perpetrat minn xi individwu iehor astuz. Hawn l-attur kien bniedem fil-mestjier bankarju. Kellu certu esperjenza ta' kif imorru l-affarijiet. L-attur kien f'posizzjoni li jiddeciedi jekk jaghtix jew le facilitajiet bankarji lill-konvenuti abbazi ta' l-informazzjoni li hu kellu access liberu ghaliha. Mhux hekk biss, imma

[3] Dok. GG4 a fol. 207.
[4] Citaz. Nru. 1843/99 li imxiet kontestwalment mal-kawza odjerna.
[5] a fol. 536.

bhala *book keeper* ta' l-istess socjeta` konvenuta kien f'posizzjoni vantaggjuza u kellu access ukoll ghall-informazzjoni kollha finanzjarja ta' l-istess socjeta`.

"Illi certament ma jistghax jinghad illi l-attur kien fl-ghamad f'dak li kien qed jaghmel.  Dak li ghamel hu ghamlu avolja kien a konoxxenza tas-sitwazzjoni finanzjarja tas-socjeta` konvenuta u ghamlu allavolja kellu dmir li juza l-massima diligenza u serjeta` f'xogholu fil-konfront tal-Bank li kien qed jimpjegah.

"Ghaldaqstant l-attur ma jistax issa jghid li kien il-vittma ta' qerq u ingann da parti tal-konvenuti, liema qerq u ngann ma gew bl-ebda mod ippruvati. Meta hareg il-*bank drafts* hu seta' facilment jivverifika jekk ic-cekkijiet mghoddija lilu kienux jistghu jigu onorati jew le.  Illi bl-ebda mod ma jista' jiggustifika l-agir tieghu taht il-pretest illi gie ngannat mill-konvenuti.

"Illi l-Qorti thoss illi f'dan il-kaz kien l-attur innifsu li pprecipita s-sitwazzjoni li sab ruhu fiha u dan billi abbuza mill-posizzjoni tieghu fil-Bank u awtorizza *bank drafts* li kien jaf li ma kienx hemm flus biex ikopruhom. Illi filwaqt li l-Qorti ticcensura l-agir tal-konvenuti, ma tistax tilqa' kompletament it-talbiet attrici billi l-attur wera nuqqas kbir fl-izvolgiment tal-mestier tieghu, tant li anke kellu problemi mal-Bank dwar l-istess facilitajiet mahruga favur il-konvenuti.

"Illi ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi f'dan il-kaz l-attur ghandu jerfa' parti mir-responsabbilta` u filwaqt illi tapprezza illi jista' jkun li kienu biss il-konvenuti jew is-socjeta` konvenuta li gawdew fl-ahhar mill-ahhar mill-avvanzi li l-attur kien ghamel u mill-versament li saru fil-kont tas-socjeta` konvenuta, il-Qorti ma tistax ma tikkummentax illi tali versamenti saru sabiex l-attur ma jitlifx l-impjieg tieghu li hu ipperikola bl-azzjonijiet tieghu stess.

"Ghaldaqstant dina l-Qorti thoss illi l-attur ghandu jassumi kwart tar-responsabbilta' u li l-konvenuti ghandhom jigu

ritenuti responsabbli ghall-hlas ta' tlett kwarti tas-somma li l-attur effettivament qieghed jitlob fil-kawza odjerna.

"<u>Eccezzjoni ta' Ruben u Romina Buontempo.</u>

"Illi fir-rigward tat-tielet eccezzjoni imressqa minn Ruben u Romina Buontempo u cioe illi bejniethom tezisti d-divizjoni tal-beni u li certament fi kwalunkwe kaz Romina Buontempo ma ghandha x'taqsam xejn mat-talbiet attrici u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, din il-Qorti tissottometti illi fl-ewwel lok ma saret l-ebda prova illi tezisti d-divizjoni tal-beni bejniethom, (dawn lanqas biss xehdu) u fit-tieni lok billi tali dejn jaggrava l-komunjoni ta' l-akkwisti, stante li l-konvenut Ruben Buontempo kien ko-partecipi fil-hrug tac-cekkijiet in kwistjoni u li sussegwentement ma gewx onorati,[6] din il-Qorti ma tistax tilqa' l-istess eccezzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Pierre Buontempo, Ruben u Romina mizzewgin Buontempo u Centre Travel Co. Ltd. li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata limitatament in kwantu tichad l-ewwel talba attrici u ghall-bqija tirrevoka u thassar is-sentenza fl-ismijiet premessi datata 7 ta' Lulju, 2009 u dana billi tichad it-talbiet kollha attrici u tilqa' l-eccezzjonijiet kollha tal-appellanti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

Rat ir-risposta tal-appell u l-appell incidentali ta' Guido Grima u Claudio Grima li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, issottomettew, fl-ewwel lok, li l-appell tal-familja Buontempo u Centre Travel Co. Ltd. ghandu jigi michud, u, fit-tieni lok, illi din il-Qorti joghgobha:
"… … … timmodifika is-sentenza appellata moghtija mill-Onorevoli Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Lulju, 2009 fil-kawza fl-ismijiet premessi billi tirrevokaha f'dawk il-partijiet tas-sentenza appellata fejn hija cahdet l-ewwel talba tal-atturi u fejn sabet lill-konvenuti responsabbli biss ghal hlas tas-somma ta' €30,089.17 u kkundannathom ihallsu din

---

[6] ara xhieda ta' Renzo Gonzi a fol. 114 tal-kawza 1843/99 u dokumenti RG3 sa RG7 a fol. 90-91.

is-somma minflok is-somma originalment mitluba ta' Lm17,223.04 (ekwivalenti ghal €40,118.89), billi (i) tilqa' l-ewwel talba attrici u tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, (ii) tilqa' it-tieni talba tal-atturi kif kontenuta fic-citazzjoni fis-sens li tiddikjara lill-konvenuti kollha flimkien u in solidum bejniethom responsabbli ghal hlas lill-atturi tas-somma shiha ta' Lm17,223.04 (ekwivalenti ghal €40,118.89), u (iii) tilqa' it-tielet talba attrici fis-sens li tikkundanna lill-konvenut in solidum bejniethom ihallsu lill-atturi s-somma shiha Lm17,223.04 (ekwivalenti ghal €40,118.89), bl-imghax dekorribbli mill-14 ta' Settembru, 1998 u bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti solidalment bejniethom.“

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi l-meritu ta' din il l-kawza hu simili ghall-meritu tal-kawza konnessa numru 1843/99 u li giet deciza wkoll illum. Jirrizulta li l-attur Guido Grima ghamel zmien *book-keeper* tas-socjeta` Centre Travel Co. Ltd., u, fl-istess hin, kien ukoll impjegat u jahdem mal-Bank of Valletta plc f'wahda mill-*branches* taghha. Il-kumpanija kellha l-kont taghha mal-istess bank u fil-*branch* fejn kien jahdem l-attur. Dan tal-ahhar, biex ihallas il-kredituri tal-kumpanija, kien jirtira flus mill-kont tal-kumpanija, jghaddihom lill-bank u hu stess, f'isem il-Bank, johrog *drafts* li kien jghaddi lill-kredituri tal-kumpanija. Gieli gara li flus fil-kont tal-kumpanija ma kienx ikun hemm bizzejjed biex ihallas lill-kredituri, izda l-attur kien xorta wahda johrog *bank drafts* biex ihallas certi kredituri. Il-fatti li wasslu ghal din il-kawza partikolari, u li gieghelu lill-attur isellef flus minghand Wilfred Buttigieg biex ikopri lilu nnifsu mal-bank, jinsabu ben esposti fil-parti preliminari tas-sentenza tal-ewwel Qorti (intestata “Konsiderazzjonijiet”), riprodotta bhala parti minn din is-sentenza.

F'din il-kawza (a differenza ta' dak li sehh fil-kawza l-ohra konnessa), dak li silef il-flus, Wilfred Buttigieg, ha flusu

lura minghand Guido Grima, li biex jaghmel dan, issellef flus mill-bank. Issa, dan Guido Grima, qed jitlob il-flus lura minghand il-familja Buontempo u l-kumpanija Centre Travel Co. Ltd. bhala l-eventwali beneficcjari, tas-somma flus (Lm17,223.04) li hu issellef mill-bank.

L-ewwel Qorti sabet favur l-attur in parte. Hi sabet li veru kien hemm agir frawdolenti mill-konvenuti, izda akkollat fuq l-attur kwart mir-responsabbilita` meta hu agixxa wkoll b'mod frawdolenti meta abbuza mill-pozizzjoni tieghu fil-bank u hareg *bank drafts* ghall-kredituri tas-socjeta` Centre Travel Co. Ltd. meta kien jaf li ma kienx hemm fondi bizzejjed biex ikopruhom.

Mis-sentenza appellaw iz-zewg nahat. Il-kumpanija Centre Travel Co. Ltd. tghid li bin-negozju gawda biss Guido Grima u hi ghandha tigi liberata minn kull imputazzjoni ta' responsabbilita`, u l-familja Buontempo tghid li, f'kull kaz, huma personalment ma ghandhom x'jaqsmu xejn ma' kull ma sar. L-attur jghid li hu kien biss intermedjarju fin-negozju u ma ghandux jinstab responsabbli.

Dwar l-appell tal-konvenuti dawn huma simili ghall-aggravji li ressqu fil-kawza l-ohra konnessa, u li gew trattati u michuda minn din il-Qorti fis-sentenza li tat illum stess f'dik il-kawza. Ghall-fini ta' din il-kawza, il-Qorti taghmel referenza ghall-motivazzjoni taghha fil-kawza l-ohra li ghandhom japplikaw u qed jigu adottati wkoll ghall-fini ta' din il-kawza. Fil-qosor jista' jinghad li hu car, fil-fehma tal-Qorti, li kemm il-kumpanija, kif ukoll l-ahwa Pierre u Ruben Buontempo, kienu kompartecipi fl-agir doluz li wettaq l-attur, li gie indott jikser il-fiducja li tassorbi l-pozizzjoni tieghu fil-bank, b'hafna paroli u weghdiet fuq flus li suppost kienu se jigu min-negozju li huma riedu jaghmlu fuq art ix-Xemxija – li mhux car proprjeta` ta' min kienet. Il-kumpanija kienet il-beneficcjarja tal-flus in kwistjoni, u l-familja Buontempo agixxew b'intenzjoni malizjuza meta poggew lill-attur f'sitwazzjoni ta' gwaj mal-bank fejn kien jahdem.

Kwindi, ghal din ir-raguni u ghar-ragunijiet aktar dettaljatament trattati fil-kawza l-ohra konnessa, qed tichad l-aggravji tal-familja Buontempo u l-kumpanija Centre Travel Co. Ltd.

Dwar il-kaz ta' Guido Grima, il-pozizzjoni tieghu f'din il-kawza, hi differenti milli hi fil-kawza l-ohra konnessa. Hu veru, u din il-Qorti taqbel ma' dak li osservat l-ewwel Qorti fir-rigward, li l-attur ma hux xi bniedem imbecilli, u kien jaf il-kosegwenzi ta' dak li kien qed jaghmel. Hu agixxa volontarjament u kiser il-fiducja li l-bank jinvesti fl-impjegati tieghu. Hu seta' kien indott jaghmel li ghamel bil-paroli tal-familja Buontempo, pero`, fl-ahhar mill-ahhar, hu ghazel li jippartecipa fl-agir qarrieqi, u ma jistax jghid li hu kien semplici intermedjarju jew vittma innocenti ta' xi komplott fil-konfront tieghu. Hu kellu pozizzjoni importanti fil-kumpanija Centre Travel Co. Ltd., u hafna affarijiet ta' gestjoni normali kienu jithallew f'idejh. Hu abbuza mid-“dual role” li kellu fil-bank u fil-kumpanija konvenuta. Ta' min isemmi wkoll illi l-attur fl-ebda stadju ma agixxa biex jirrexxindi l-involviment tieghu fin-negozju a bazi ta' vjolenza u/jew qerq; hu agixxa konsapevolment u zgur li kien jaf li kien qed jaghmel xi haga illegali.

Din il-Qorti ma taqbilx, pero`, li l-attur ghandu jhallas parti mill-flus mislufa. Vis-à-vis it-terz, Wilfred Buttigieg, u/jew il-bank, ir-responsabbilita` tieghu kienet tkun wahda solidali mal-familja Buontempo u l-kumpanija Centre Travel Co. Ltd., pero`, kemm it-terz, kif ukoll il-bank gew rifusi l-flus li hargu. F'din il-kawza s-sitwazzjoni hi fuq min, bejn il-kompartecipi fil-frodi, ghandu jintefa' l-piz tal-flus in kwistjoni, u din il-Qorti tara li meta l-beneficjarji kienu l-familja Buontempo u l-kumpanija taghhom, l-attur ma ghandux ibati parti mis-somma. L-ewwel Qorti wahhlitu kwart mis-somma bhala piena jew penali talli agixxa in mala fede, pero`, hawnhekk mhux il-kaz ta' xi hadd qed jitlob danni minhabba l-agir tal-attur. L-attur issellef flus biex ihallas dejn li ghalih il-konvenuti kienu responsabbli, u l-attur semplicement qieghed jitlob li jiehu l-flus lura.

Kif intwera fil-kawza l-ohra konnessa, il-partijiet kollha f'din il-kawza ghandhom jitqiesu responsabbli in solidum versu

t-terz kredituri. Hawnhekk, pero`, it-terzi kredituri thallsu, u thallsu mill-attur, li issa, bhala debitur in solidum li hallas id-dejn, qed jitlob ir-rivalsa mid-debituri l-ohra, shabu in solidum. Normalment, kull debitur in solidum huwa responsabbli ghal sehemu mid-dejn, pero` l-Artikolu 1109 tal-Kodici Civili jghid li meta d-dejn ma jkollux x'jaqsam fih hlief wiehed mill-kondebituri, dak "*hu obbligat ghad-dejn kollu lejn il-kondebituri l-ohra*". F'dan il-kaz, responsabbli ghad-dejn kollu huma s-socjeta Centre Travel Co. Ltd. u l-familja Buontempo (minhabba l-agir doluz li bih kienu jwettqu n-negozju tal-kumpanija), ghax kienu dawn li bbenefikaw mill-flus mislufa. Il-flus mislufa marru kollha a beneficcju tal-kredituri tal-kumpanija, bi gwadan ghaliha u ghal dawk li kienu jmexxuha u jippartecipaw fil-qliegh taghha. Ghalhekk, filwaqt li l-agir tal-attur kien wiehed ta' stmerrija, fl-ahhar mill-ahhar gawdew mill-agir tieghu biss il-konvenuti u, ghalhekk, huma ghandhom jirrifondu l-flus in kwistjoni – salv li l-kondotta tal-attur tigi riflessa fil-capo spese.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell ta' Pierre Buontempo, ta' Ruben u Romina mizzewgin Buontempo, u ta` Centre Travel Co. Ltd. billi tichad l-istess, u tiddisponi mill-appell incidentali ta' Guido u Claudia Grima billi tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti u tghaddi minflok biex tilqa' t-talbiet attrici u, ghalhekk, tikkundanna lill-konvenuti in solidum ihallsu lill-attur is-somma ta' €40,118.89 (ekwivalenti ghal Lm17,223.04), bl-imghax legali mill-14 ta' Settembru, 1998, sal-pagament effettiv.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluz dawk in prim istanza, jithallsu kwantu ghal nofs mill-atturi in solidum, u kwantu ghan-nofs l-iehor mill-konvenuti in solidum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------